

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 59/2012

tat-30 ta' Marzu 2012

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa īl-quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 27/2012 tal-10 ta' Frar 2012 (¹).
- (2) Id-Direttiva 2009/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2002/59/KE li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità (²) għandha tiġi integrata fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 55a (Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII tal-Ftehim:

“— **32009 L 0017:** Id-Direttiva 2009/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 101).”.

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2009/17/KE bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġi ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2012, dment li jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Äġġent President
Gianluca GRIPPA

⁽¹⁾ ĠU L 161, 21.6.2012, p. 33.

⁽²⁾ ĠU L 131, 28.5.2009, p. 101.

^(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.